Nru./No. 21,182
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar, 2024
Friday, 19th January, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 441 - 449
Government Notices ..... *441 - 449*

Avviżi tal-Pulizija ..... 449 - 450
Police Notices ..... *449 - 450*

Avviżi lill-Baħħara 451
Notices to Mariners *451*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 451 - 488
Employment Opportunities ..... *451 - 488*

Avviżi tal-Gvern ..... 488 - 494
Notices ..... *488 - 494*

Offerti ..... 494 - 497
Tenders ..... *494 - 497*

Avviżi tal-Qorti ..... 497 - 524
Court Notices ..... 497 - 524

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 82

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 88 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali.

Id-19 ta' Jannar, 2024

Nru. 83

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Medjaturi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi b'żieda man-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1390 tal-10 ta' Ottubru, 2023, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 89 tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.20, Regolament 3(1)(a)(i), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lill-imsemmija kif jidhru hawn taħt bħala Medjaturi, b'seħħ mid-data ta' din il-pubblikazzjoni sal-31 ta' Diċembru, 2025.

Is-Sa Erika Cutugno, Tas-Sliema
Is-Sur Godwin Genovese, Ħ'Attard
Dott. Barbara O'Brien, Il-Belt Valletta

Id-19 ta' Jannar, 2024

Nru. 84

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Ħatra ta' Rappreżentanti Ġudizzjarji tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-iskop ta' Proċeduri Ġudizzjarji

Il-KORPORAZZJONI għas-Servizzi tal-Ilma tgħarraf illi bis-saħħa ta' reżoluzzjoni addotata mill-Bord tad-Diretturi tagħha waqt laqgħa miżmuma nhar is-16 ta' Jannar, 2024, ġie riżolt illi Dott. Sean Micallef (KI 0467592M), Dott. Daniela Casingena Attard (KI 008795G), u Dott. Amanda Vella (KI 0296086M) huma separatament riappuntati bħala

GOVERNMENT NOTICES

No. 82

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 88 entitled the Virtual Financial Assets (Amendment) Act, 2024.

19th January, 2024

No. 83

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Mediators

IT is notified for general information that, in addition to Goverment Notice No. 1390 of the 10th of October, 2023, in exercise of the powers vested in him by Article 89 of the Code of Organisation and Civil Procedure, and Subsidiary Legislation 12.20, Regulation 3(1)(a)(i), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed the undermentioned as Mediators with effect from the date of this publication till 31st December, 2025.

Ms Erika Cutugno, Tas-Sliema
Mr Godwin Genovese, Ħ'Attard
Dr Barbara O'Brien, Valletta

19th January, 2024

No. 84

WATER SERVICES CORPORATION

Appointment of Judicial Representatives of the Water Services Corporation for the purposes of Judicial Proceedings

THE Water Services Corporation notifies that by virtue of a resolution adopted by the Board of Directors during a meeting held on the 16th January, 2024, it was resolved that Dr Sean Micallef (ID 0467592M), Dr Daniela Casingena Attard (ID 0008795G) and Dr Amanda Vella (ID 296086M), be separately reappointed as judicial representatives of the

rappreżentanti ġudizzjarji tal-Korporazzjoni għall-iskop ta' kwalsijasi proċeduri ġudizzjarji li jistgħu jiġu istwiti minn jew kontra l-Korporazzjoni. Għal fini ta' kjarezza, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tgħarraf illi kull wieħed mit-tliet (3) uffiċjali hawn fuq imsemmija jista' jaġixxi separatament u indipendentement mill-ieħor sabiex jiġu ffirmati u/jew ippreżentati l-atti ġudizzjarji u fit-teħid tal-ġurament li jista' jkun rikjest fuq att ġudizzjarju. Dan l-avviż għandu effett retroattiv mit-22 ta' Ġunju, 2021, u jibqa' jipprevali sakemm jingħata avviż ieħor.

Id-19 ta' Jannar, 2024

Nru. 85

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

Corporation for the purposes of any judicial proceedings that may be instituted by or against the Corporation. For the sake of clarity, the Water Services Corporation hereby notifies that any one of the three (3) aforementioned officers may act separately and independently of one another in the signing and/or filing of judicial acts and in taking the oath that may be required on any judicial act. This notice shall have retroactive effect as from the 22nd of June, 2021, and shall continue to be valid until further notice.

19th January, 2024

No. 85

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Ageing has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Walter Busuttil	Aġent Direttur Generali għas-Servizzi tas-Saħħa *Acting Director General Healthcare Services*	Saħħa u l-Anzjanità Attiva *Health and Active Ageing*	24.1.2024 - 26.1.2024

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 86

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 86

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
19.1.2024	€59.914	€0.674

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 87

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Birżebbuġa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 87

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Birżebbuġa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

BIRŻEBBUĠA

IL-BAJJA S-SABIĦA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Dawret il-Qalb Imqaddsa

Left side entering from Dawret il-Qalb Imqaddsa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
District Five	1
124, Celeste (Flettijiet)	3
126	5
Bieb bla numru	7
128, St Rita	9
129	11
130 (Flettijiet)	13
131, London	15
132, Carmen (Flettijiet)	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Dawret il-Qalb Imqaddsa

Right side entering from Dawret il-Qalb Imqaddsa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
121	2
Mermaid	4
119	6
118, Lourdes	8
117, Erin	10
116, Oban	12
115, Lido	14
114, Riviera	16
113	18
112	20
111, Josden (Flettijiet)	22
110, Jemima	24
Osea	26
Marian	28
107, Emma	30
106, Precious	32
105, Fuchsia	34
104, Miramar	36
103	38
102	40
101, Front View	42
100, Ok View	44
99, Sunny House	46
Persjana	48
97, Victoria House	50
96, Lorry	52
Alfred	54
94, Casa Buttigieg (Flettijiet)	56
93	58
91, Fl 1	60
91, St Joseph Flats	62

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
		90 (Flettijiet)	64
		Garaxx	66
		88	68
		87, Pop's Bar (Ħanut)	70
		86A (Flettijiet)	72
		86	74
		85A, Waves Court	76
		85 (Daħla għall-garaxxijiet)	78
		84, Marconjos (Flettijiet)	80
		Joanna (Flettijiet)	82
		Garaxx	84
		Bieb bla numru	86
		Daħla għall-garaxxijiet	88
		Blue Water Apartments	90
		78	92
		77	94
		76	96
		75	98
		74, Mariuccia	100
		Mariners (Ħanut)	102
		Pretty Bay Apartments	104
		Bieb bla numru	106
		Bieb bla numru	108
		Bieb bla numru (Każin)	110
		Każin Partit Laburista	112
		67, Derry	114
		66	116
		65, Il-Palma	118
		L-Arzella	120
		63	122
		62	124
		61, Perla	126
		Garaxx	128
		Eat Well (Ħanut)	130
		58, Gospa (Flettijiet)	132
		Sit bla bini	134
		Sit bla bini	136
		55	138
		54	140
		Garaxx	142
		52-53 (Flettijiet)	144
		Garaxx	146
		51 (Flettijiet)	148

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
		La Spiaggia (Ħanut)	150
		49 (Flettijiet)	152
		Celeste (Ħanut)	154
		Garaxx	156
		47	158
		46	160
		45 (Flettijiet)	162
		44	164
		43, Juice Caffe (Ħanut)	166
		Bieb bla numru	168
		Bieb bla numru	170
		C78 Casual Wear (Ħanut)	172
		Power Bar (Ħanut)	174
		39	176
		Għassa tal-Pulizija	178
		Bieb bla numru	180
		37, Coffee Circus (Ħanut)	182
		36 (Flettijiet)	184
		35, Cherrie's Take Away (Ħanut)	186
		34, Cherrie's Take Away (Ħanut)	188
		33, Cherries (Ħanut)	190
		Bieb bla numru	192
		Garaxx	194
		Mc Sims (Ħanut)	196
		30, The Strand Apartments	198
		29	200
		Fair Bet (Ħanut)	202
		27	204
		26, The Right Spot (Ħanut)	206
		St Peter's FC Club (Każin)	208
		Sea Front Hairdresser (Ħanut)	210
		Envy Bar (Ħanut)	212
		Starbucks (Ħanut)	214
		21	216
		20	218
		19	220
		Ħanut	222
		Sit qed jinbena	224
		Sit qed jinbena	226
		Sit qed jinbena	228
		Sit qed jinbena	230
		14 (Flettijiet)	232
		13	234
		BOV Bank	236
		Mr Whippy (Ħanut)	238
		Liliana Flats	240
		7, Ir-Ramla	242

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	244
Sit bla bini	246
Brittania Pharmacy (Ħanut)	248
4, Eden	250
Bay Foodstore (Ħanut)	252
Caramba (Ħanut)	254
South Vale (Ħanut)	256

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 88

No. 88

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 359 tat-13 ta' April, 2010, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birżebbuġa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 359 dated 13th April, 2010, under the title 'Renumbering of doors at Birżebbuġa', the following amendments in **bold** should be made.

BIRŻEBBUĠA

1. TRIQ SANTA KATARINA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Birżebbuġa

Left side entering from Triq Birżebbuġa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
16	138
14, Josmar	140

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
138, **Desira**	138
Garaxx	**138A**
140, Josmar	140

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Birżebbuġa

Right side entering from Triq Birżebbuġa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
6	154
5 (Flettijiet)	156

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
154	154
Dar Marthy	**154A**
156 (Flettijiet)	156

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 89

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 227 tal-11 ta' Marzu, 2002, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 89

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 227 dated 11th March, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

1. TRIQ HOMPESCH

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Tumas

Left side entering from Triq San Tumas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Tumas

Right side entering from Triq San Tumas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
45	194
Bieb tal-ġenb	196
43, St Anthony	198
42, Salv Joset House	200
Garaxx	202
40 (Garaxx)	204
Dar il-Hena	206

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
194	194
Daħla għall-garaxxijiet	**196**
Bieb bla numru	**198**
Super Shop (Ħanut)	**200**
Jis Kids (Ħanut)	**202**
206, Dar il-Hena	206

* In-numru 204 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

Id-19 ta' Jannar, 2024 19th January, 2024

Nru. 90

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 530 tas-16 ta' Ġunju, 2006, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 90

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 530 dated 16th June, 2006, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

8. TRIQ SANT'ANTNIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Wesgħet Ġużeppi Gauci

Left side entering from Wesgħet Ġużeppi Gauci

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Wesgħet Ġużeppi Gauci

Right side entering from Wesgħet Ġużeppi Gauci

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	10

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	12
		Marcam	14

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		10	10
		Bieb bla numru	**12**
		Garaxx	**12A**
		Garaxx	**12B**
		Hompesch Court	**12C**
		14, Marcam	14

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 91

No. 91

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 935 tas-7 ta' Lulju, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 935 dated 7th July, 2023, under the title 'Numbering of doors at Il-Fgura', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-FGURA

TRIQ IL-WARD TAX-XEMX

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kampanella		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kampanella	
Left side entering from Triq il-Kampanella		*Right side entering from Triq il-Kampanella*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
55, Bastion Views (Flettijiet)	55		

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Marija	**57**		

Id-19 ta' Jannar, 2024

19th January, 2024

Nru. 92

No. 92

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Hans

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed

Karl Attard bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard u dan għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u s-7 ta' Jannar, 2024.

Illum it-Tlieta, 2 ta' Jannar, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notary Dr Hans Karl Attard to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Pierre Attard for the period between 1st January, 2024 and 7th January, 2024.

Today Tuesday, 2nd January, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 11

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Joseph Pace, Triq Santa Katarina, Triq id-Dejqa u Triq Raymond Caruana.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Jannar, 2024

POLICE NOTICE

No. 11

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Gudja

On Wednesday, 14th February, 2024, from 6.00 p.m. till 7.30 p.m., through Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Joseph Pace, Triq Santa Katarina, Triq id-Dejqa and Triq Raymond Caruana.

Public transport will also be affected till the passing of the procession.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

19th January, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id-dati u ħinijiet:

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Misraħ is-Suq;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ is-Suq, Triq Paola, Triq is-Sorijiet, Triq

POLICE NOTICE

No. 12

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Tarxien

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on the date and time hereunder:

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Misraħ is-Suq;

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.00 p.m. till 8.00 p.m., through Misraħ is-Suq, Triq Paola, Triq is-Sorijiet, Triq

Santa Tereża, Triq it-Tempji Neolitiċi, Triq Santa Marija, Triq Birżebbuġa u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, minn Misraħ is-Suq.

Transport pubbliku se jiġi affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Jannar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 13

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, 3 ta' Frar, 2024, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq San Ġorġ, Triq il-Providenza, Triq il-Librerija, Triq Alfons M. Hili, Triq il-Karità u Pjazza San Ġorġ.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Ħamrun

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mis-5.45 p.m. sas-6.45 p.m., pellegrinaġġ mill-Knisja tas-Samra fi Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq il-Vitorja, Triq Santa Marija, Triq San Ġwann, Triq T. Caruana Demajo and Triq il-Kbira San Ġużepp lejn il-knisja.

M'hemmx bżonn clearance.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Jannar, 2024

Santa Tereża, Triq it-Tempji Neolitiċi, Triq Santa Marija, Triq Birżebbuġa and Triq il-Kbira;

On Sunday, 24th March, 2024, from 9.00 a.m. till noon, through Misraħ is-Suq.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

19th January, 2024

POLICE NOTICE

No. 13

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Victoria, Gozo

On Saturday, 3rd February, 2024, from 4.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq San Ġorġ, Triq il-Providenza, Triq il-Librerija, Triq Alfons M. Hili, Triq il-Karità and Pjazza San Ġorġ.

Public transport may also be affected.

Ħamrun

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.45 p.m. till 6.45 p.m., pilgrimage through Knisja tas-Samra in Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq il-Vitorja, Triq Santa Marija, Triq San Ġwann, Triq T. Caruana Demajo u Triq il-Kbira San Ġużepp towards the church.

No clearance needed

Closure of roads and public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

19th January, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 6 tal-2024

Yachting Malta BSC Regatta – Frar 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jixtieq jgħarraf lill-baħħara li l-Birżebbuġa Sailing Club (BSC) se jorganizza l-Yachting Malta BSC Regatta 2024 bejn il-Ħamis, l-1 ta' Frar u l-Ħadd, 4 ta' Frar, 2024.

It-tlielaq għandhom isiru mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. (ħin lokali) fil-ġranet kollha.

Tlielaq ta' klassijiet differenti għandhom isiru fuq żewġ (2) rotot favur/kontra r-riħ maġenb xulxin, iċċentrati fiż-żona magħżula għat-tbaħħir skont il-kundizzjonijiet tat-temp prevalenti, kif muri fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) li turi ż-żoni A, B u C.

Il-rotot, li madwarhom il-kompetituri għandhom ibaħħru, ikunu definiti b'marki oranġjo li jintefħu (waypoints) ta' madwar 1.5 metru għoli.

It-tlielaq se jsiru meta l-ebda traffiku ta' bastimenti merkantili ma jkun skedat li jidħol jew jitlaq mill-Malta Freeport Terminals.

Il-kaptana tal-inġenji kollha li mhumiex involuti direttament f'dawn l-avvenimenti huma mitluba jżommu 'l bogħod miż-żona tat-tlielaq, speċjalment mill-marki tat-tidwir. Il-baħħara għandhom josservaw kull struzzjoni li tingħata mis-safety crafts tal-organizzaturi tat-tellieqa u minn fuq VHF Channels 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS.

Charts affettwati: BA 36, 2538

Id-19 ta' Jannar, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Specialist – Contracts

Permess tal-Jobsplus 110/2022

MITA qed tfittex Specialist – Contracts, biex jaħdem fil-unit tagħna tas-Sourcing and Legal. Specialist ikun responsabbli għall-kumpilazzjoni, pubblikazzjoni, evalwazzjoni u aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti permezz tas-sistema tax-xiri pubbliku elettronika (ePPS) u għall-immaniġġjar ta' attivitajiet oħra ta' xiri u kuntratti.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 6 of 2024

Yachting Malta BSC Regatta – February 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, would like to notify mariners that the Birżebbuġa Sailing Club (BSC) shall be holding the Yachting Malta BSC Regatta 2024 between Thursday, 1st February and Sunday, 4th February, 2024.

Races shall take place from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. (local time) on all days.

Class races shall take place over two (2) adjacent upwind/downwind courses, centred in the selected sailing area depending on the prevailing weather conditions, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) showing areas A, B and C.

The courses, around which the competitors shall have to sail, shall be defined by orange inflatable marks (waypoints) of about 1.5 meters in height.

Races will take place, only when no merchant vessel traffic is scheduled to enter or to depart, from the Malta Freeport Terminals.

Masters of all craft, not directly involved in any of these events, are asked to keep clear of the racing areas, especially at each of the turning marks. All mariners are to observe any instructions that may be given by the race organisers safety crafts and on VHF Channels 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS.

Charts affected: BA 36, 2538

19th January, 2024

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Specialist – Contracts

Jobsplus Permit 110/2022

MITA is looking for a Specialist – Contracts to work in our Sourcing and Legal Unit. The Specialist will be responsible for the compilation, publication, evaluation and adjudication of tenders through the electronic Public Procurement System (ePPS) and for the management of other procurement and contracting activities.

Specialist jipprovdi wkoll parir u gwida fuq kwistjonijiet ta' xiri pubbliku u jassikura li l-politiki u l-proċeduri kuntrattwali tal-MITA jkunu segwiti u miżmuma kurrenti. Specialist jikkontribwixxi wkoll biex il-unit iżomm kurrenti ma' żviluppi u inizjattivi fil-qasam ta' xiri u kuntratti, u jorganizza taħriġ dwar sejħiet għall-offerti lill-impjegati tal-Aġenzija.

Il-kandidati eliġibbli għandhom jissodisfaw waħda minn dawn l-għażliet ta' kwalifiki u/jew esperjenza jew fl-Immaniġġjar; jew fl-Amministrazzjoni Pubblika; jew Studji Legali; jew ICT; jew Kummerċ; jew Ekonomija; jew Accounts; jew Banking:

i) Kwalifika f'qasam relatat f'Livell 7 tal-MQF (jew ogħla) U ħames (5) snin esperjenza li tlieta (3) minnhom għandhom ikunu speċifikament fi rwol ta' xiri pubbliku jew sourcing f'livell ta' leadership jew executive; JEW

ii) Kwalifika f'qasam relatat f'Livell 6 tal-MQF u sitt (6) snin esperjenza li tlieta (3) minnhom għandhom ikunu speċifikament fi rwol ta' xiri pubbliku jew sourcing f'livell ta' leadership jew executive; JEW

iii) Għaxar snin esperjenza li tlieta (3) minnhom għandhom ikunu speċifikament fi rwol ta' xiri pubbliku jew sourcing f'livell ta' leadership jew executive.

CV dettaljata flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mill-Ħadd, 28 ta' Jannar, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

Id-19 ta' Jannar, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer – ICT Services Management

Permess tal-Jobsplus 225/2016

Opportunità fl-ICT biex taħdem f'ċentru tad-data state-of-the-art.

MITA għandha bżonn Technical Services Officers biex jipprovdu l-ewwel linja ta' appoġġ tekniku f'ambjent li joffri sfida, iżda fl-istess waqt jagħti sodisfazzjon.

MITA tilqa' kandidati li għandhom għarfien f'diversi oqsma tal-ICT bħal Local Area Networks, Operating Systems u Desktop Technology flimkien mal-abbiltà li jintegraw mal-klijenti tal-MITA.

The Specialist will also provide advice and guidance on public procurement matters and ensure that MITA's contracting policies and procedures are followed and kept up to date. The Specialist will also contribute for the Unit's keeping up to date with procurement and contracting developments and initiatives, and to organize training to the Agency's staff on tendering matters.

Eligible candidates must satisfy one of the following options in terms of qualifications and / or experience in either Management; or Public Administration; or Legal Studies; or ICT; or Commerce; or Economics; or Accounts; or Banking:

i) A qualification at MQF Level 7 (or higher) AND five (5) years' work experience, three (3) of which must be specifically in a public procurement or Sourcing role at a leadership or executive level; OR

ii) A qualification at MQF Level 6 AND six (6) years' work experience, three (3) of which must be specifically in a public procurement or sourcing role at a leadership or executive level; OR

iii) Ten years' work experience, three (3) of which must be specifically in a public procurement or sourcing role at a leadership or executive level.

A detailed CV, together with a covering email is to be submitted by not later than Sunday, 28th January, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

19th January, 2024

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officer – ICT Services Management

Jobsplus Permit 225/2016

An ICT Opportunity to work in a state-of-the-art data centre.

MITA needs Technical Services Officers to provide first line technical support in a challenging and rewarding environment.

MITA welcomes candidates having knowledge in various ICT areas such as Local Area Networks, Operating Systems and Desktop Technology together with the ability to integrate with MITA's clients.

Dawn il-pożizzjonijiet jipprovdu bażi fundamentali eċċellenti għal karriera b'saħħitha fl-ICT mal-MITA, li jinkludu taħriġ professjonali relatat maċ-ċertifikazzjoni industrijali.

MITA tiggarantixxi ambjent tax-xogħol sabiħ u professjonali fejn l-isforzi tal-impjegati jiġu rikonoxxuti. Barra mill-pakkett tajjeb ta' remunerazzjoni, dawn il-pożizzjonijiet joffru numru ta' perkaċċi, intenzjonati biex jipprovdu esperjenza tax-xogħol pożittiva u pjaċevoli għall-impjegati, li jinkludu politiki favur il-familja intenzjonati biex jistabbilixxu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Il-kandidati magħżulin jiġu impjegati fuq terminu ta' kuntratt indefinit.

Rekwiżiti għall-Eliġibbiltà:

Waħda milli ġejjin f'qasam tal-ICT:

i) Kwalifika f'Livell 5 tal-MQF jew ogħla; JEW

ii) Kwalifika f'qasam relatat (Livell 4 tal-MQF) u sena (1) esperjenza f'qasam relatat; JEW

iii) Sentejn (2) esperjenza f'qasam relatat

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni bħala Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2; jew Livell Standard – Livell tal-Karriera 3, skont il-livell ta' kompetenza.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġett għall-għoti ta' riżultati finali. Se jiġi pprovdut taħriġ.

CV dettaljata flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament għandhom jinbgħatu sa mhux aktar tard mill-Ħadd, 28 ta' Jannar, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

Id-19 ta' Jannar, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Security Operations Centre

Analista – Information Security

Permess tal-Jobsplus 621/2020

MITA qed tfittex li timpjega Analista biex jingħaqad mat-Tim tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà u ta' Rispons għall-

These positions provide an excellent fundamental basis for a solid career in ICT with MITA, including professional training in related industry certifications.

MITA guarantees a professional and enjoyable work environment where employees' efforts are rewarded. Apart from a good remuneration package, these positions enjoy a number of perks intended to provide our employees with an enjoyable and positive work experience which includes a set of Family Friendly policies intended to establish the right work-life balance.

Successful candidates will be employed on an indefinite term contract.

Eligibility Requirements:

One of the following in an ICT area:

i) A qualification at MQF Level 5 or higher; OR

ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) and one (1) year experience in a related area; OR

iii) Two (2) years' experience in a related area

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2; or Standard Level – Career Level 3, depending on competency level.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results. Training will be provided.

A detailed CV together with a covering email ar to be sent by not later than Sunday, 28th January, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

19th January, 2024

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Security Operations Centre

Analyst – Information Security

Jobsplus Permit 621/2020

MITA is seeking to recruit an Analyst to join our Security Operations and Incident Response Team. The Team is

Inċidenti. It-tim huwa impenjat li jissalvagwardja u jipproteġi l-pajsaġġ diġitali tal-Gvern kontra t-theddid ċibernetiku li dejjem jevolvi. Fi ħdan tim bħal dan, il-kandidati jingħataw l-opportunità li jaħdmu b'għodod u teknoloġiji avvanzati ta' sigurtà fil-livell ta' intrapriża b'appoġġ għal programm komprensiv taċ-ċibersigurtà.

It-Tim tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà u tar-Reazzjoni għall-Inċidenti huwa fdat biex jiskopri u jwieġeb għat-theddid taċ-ċibersigurtà li jimmira lill-assi diġitali tal-Gvern. Il-kandidat li jintgħażel ikun qed iservi bħala l-ewwel linja ta' difiża, responsabbli għall-monitoraġġ, il-kaċċa, l-iskoperta, u l-investigazzjoni ta' theddid u inċidenti taċ-ċibersigurtà.

It-Tim jikkonsisti minn professjonisti entużjasti u b'ħeġġa għaċ-ċibersigurtà u din il-pożizzjoni toffri opportunità interessanti biex tagħmel impatt sinifikanti fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Dawk li huma professjonisti dedikati taċ-ċibersigurtà u qed ifittxu li jingħaqdu ma' tim dinamiku u jikkontribwixxi għall-missjoni tal-MITA li tipproteġi lill-Gvern minn theddid diġitali, mistednin japplikaw.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jkollhom wieħed minn dawn is-sett ta' kwalifiki u/jew esperjenza li ġejjin:

i) Diploma relatata mal-ICT (Livell 5 tal-MQF); JEW

ii) Diploma relatata mal-ICT (Livell 4 tal-MQF) flimkien ma' sena esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Studenti li waslu biex jiggradwaw jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġetta għall-għoti tar-riżultati finali.

*Il-kwalifiki, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-kandidati jiġu vvalutati skont il-qafas tal-Progressjoni tal-Karriera tal-Aġenzija. Kandidati li jirnexxu jistgħu jiġu ingaġġati jew fil-Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2; fil-Livell Standard – Livell tal-Karriera 3; jew fil-Livell Anzjan – Livell tal-Karriera 4. Dan jiddependi fuq il-livell ta' kompetenza murija waqt l-intervista.

CV dettaljata flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 24 ta' Jannar, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

Id-19 ta' Jannar, 2024

committed to safeguard and protect Government's digital landscape against the ever evolving cyber threats. Within such team, candidates are provided the opportunity to work with cutting-edge advanced enterprise-level security tools and technologies in support of a comprehensive cybersecurity program.

The Security Operations and Incident Response Team is entrusted to detect and respond to cybersecurity threats targeting Government digital assets. The successful candidate will be serving as the first line of defence, responsible for monitoring, hunting, detecting, and investigating cybersecurity threats and incidents.

The Team consist of enthusiastic and passionate professionals in cybersecurity and this position offers an interesting opportunity to make meaningful impact in the cybersecurity filed. If you are a dedicated cybersecurity professional looking to join a dynamic team and contribute to our mission of protecting Government from digital threats, are invited to apply.

Eligibility Requirements

The successful candidate is expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience:

i) An ICT related diploma (MQF Level 5); OR

ii) An ICT related diploma (MQF Level 4) together with one-year experience in an ICT related area; OR

iii) Two years' experience in an ICT related area.

Students about to graduate may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

*Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate level – Career Level 2; the Standard Level – Career Level 3; or the Senior Level – Career Level 4. This depends on the level of competency shown during the interview.

A detailed CV together with a covering email are to be sent by not later than Wednesday, 24th January, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

19th January, 2024

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Post ta' Manager I (EUCD) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I fid-Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2024 huwa ta' €24,085.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €26,532.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' sa Skala ta' Salarju 7(€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00 fis-sena 2024) wara għaxar (10) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju rispettiv, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal benefiċċji oħrajn marbuta ma' din il-kariga u mat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fi ħdan id-Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

2.7 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tar-Riċerka, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEA AFFAIRS AND TRADE

Post of Manager I (EUCD) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, invites applications for the post of Manager I in the European Union Co-ordination Department within the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I is Salary Scale 10, which in year 2024 is €24,085.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €26,532.00.

2.4 A Manager I in Salary Scale 10 will progress up to Salary Scale 7(€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00 in 2024) on completion of ten (10) years of service as Manager I in the respective Salary Scale, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 Appointees will also be entitled to such other benefits as tied to such post and to the performance of such duties within the EUCD.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in the area of Research, in accordance with established vacancies.

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I (EUCD) jinkludu li:

i. Jassisti lill-Kapijiet fi ħdan id-Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-UE f'kompiti relatati mal-kordinazzjoni u l-ġestjoni tal-parteċipazzjoni tal-ministeri dwar l-istrutturi u l-proċessi tal-UE u jiżgura kordinazzjoni effettiva tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-UE fil-ministeri kollha, kif ukoll mir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE;

ii. Ikun responsabbli għall-oqsma assenjati, l-ispettru ta' suġġetti differenti tagħhom flimkien mad-diskussjonijiet rilevanti fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali biex tiġi kkordinata pożizzjoni xierqa bejn il-ministeri kkonċernati;

iii. Jassisti fil-kordinazzjoni għat-tħejjija u l-formulazzjoni f'waqthom ta' memoranda u kwistjonijiet rilevanti meħtieġa għal-laqgħat regolari tal-Kumitat Interministerjali għall-Affarijiet tal-UE;

iv. Jassisti fil-kordinazzjoni ta' tħejjija f'waqtha u formulazzjoni ta' noti ta' struzzjoni meħtieġa għal-laqgħat tal-Coreper I u l-Coreper II, laqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll kwalunkwe laqgħa oħra relatata;

v. Jassisti fil-kordinazzjoni ta' tħejjija f'waqtha u formulazzjoni ta' briefs fir-rigward tal-laqgħat li jsiru mill-ministri tal-Gvern ta' Malta u s-segretarji parlamentari;

vi. It-twettiq ta' riċerka fil-qasam ta' għarfien rilevanti u l-għoti ta' pariri kif meħtieġ;

vii. Il-kordinazzjoni tal-proċess ta' approvazzjoni għad-dokumentazzjoni rilevanti;

viii. Il-kordinazzjoni tal-azzjoni ta' segwitu kif meħtieġ;

ix. L-iżgurar li l-istrutturi ta' rappurtar rilevanti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-laqgħat jiġu osservati;

x. Jassisti lill-presidenti għall-Kumitati Interministerjali kif meħtieġ;

xi. Jassisti lid-Direttur Ġenerali (Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-UE) u lis-Segretarju Permanenti kif meħtieġ;

xii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha kif jista' jkun meħtieġ;

xiii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Duties

3. The job duties for the post of Manager I (EUCD) include:

i. Assisting the Heads within the EU Co-Ordination Department in tasks related to the coordination and management of the ministries' participation on EU structures and processes and ensuring effective coordination of all EU-related matters across all ministries as well as from the Permanent Representation of Malta to the EU;

ii. Being responsible for the areas assigned, their various spectrum of subject matter along with the relevant discussions at a national, EU and international level to coordinate the appropriate position amongst various ministries;

iii. Assisting in the coordination for the timely preparation and formulation of memoranda and relevant issues required of the regular meetings of the Inter-Ministerial Committee on EU Affairs;

iv. Assisting in the coordination of timely preparation and formulation of instruction notes required for Coreper I and Coreper II meetings, meetings of the Council of the EU and European Commission working groups, as well as any other related meetings;

v. Assisting in the coordination of timely preparation and formulation of briefs with regard to meetings held by the Malta Government ministers and parliamentary secretaries;

vi. Undertaking research in the relevant area of expertise and providing advice and input as necessary;

vii. Coordinating the clearance process for relevant documentation;

viii. Coordination of follow up action as required;

ix. Ensuring that the relevant reporting structures with regards to the participation of meetings are adhered to;

x. Assisting the chairpersons for the Inter-Ministerial Committees as required;

xi. Assisting the Director General (EU Co-Ordination Department) and Permanent Secretary as required;

xii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

ii. ikunu kapaċi jikkomunikaw/ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

iii. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Istatistika jew fl-Ekonomija jew fl-Istudji Ewropej jew fis-Soċjoloġija jew fil-Liġi jew fil-Public Policy jew fir-Relazzjonijiet Internazzjonali jew fl-Istudji Diplomatiċi jew fl-Istudji Mediterranji.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii), jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf)

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. able to communicate in/must be proficient in the Maltese and English languages;

iii. in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Statistics or Economics or European Studies or Sociology or Law or Public Policy or International Relations or Diplomatic Studies or Mediterranean Studies.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) will still

